**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Charmaine Muscat

vs

Fantasy Island Club Malta

CCT 7/22/MS

29 ta' Marzu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Jannar 2022, fejn talbet is-somma ta' tmenin euro (€80.00), prezz ta' attivita' ghall-erbat itfal illi hija bbukjat mal-azjenda intimata, ghal liema attivita' huma ma setghux jattendu minhabba maltemp qawwi madwar Malta. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-azienda intimata pprezentata fis-6 ta' Gunju 2022 fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti u qalet illi l-attivita' ma gietx kancellata ghaliex minkejja li kien maltemp fi bnadi ohra ta' Malta, kienet bnazzi fejn kellha ssir l-attivita; qalet ukoll illi offriet lir-rikorrenti illi jigu wara nofs in nhar pero' r-rikorrenti irrifjutat; fl-ahhar qalet ukoll Illi ghalkemm xi whud gew offruti illi jittrasferixxu l-attivita' ghall-attivita' ohra matul is-sena dawn kellhom raguni validi.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Irrizulta mil-provi illi r-rikorrenti kienet ibbukjat attivita' ghall-erbat it-tfal li kellha ssir lejn l-ahhar ta' Ottubru 2021. Ir-rikorrenti ikkuntattjat lill-azjenda intimata fuq il-Facebook u staqsiet jekk l-attivita' kenitx tajba ghall-etajiet tat-tfal li kellhom 2, 3, 4 u 11. Avzathom ukoll li f'kaz ta' maltemp hi ma tkunx tista' ggib it-tfal ghaliex tibza li jimirdu u huma kienu qalulha li jekk l-attivita' jigi kancellat minhabba maltemp, jaghtuha rifuzjoni. Hallset it-tmenin euro tlett gimghat qabel l-avveniment. Fil-gurnata tal-attivita' ghamlet maltemp qawwi madwar Malta u huma kienu bbukjati ghall-habta tal-hdax. Ghalhekk l-hija talbet

sabiex tkun tista' tipposponi l-attivita' ghall-attivita' ohra, pero' irrifjutaw ghaliex qalulha li l-attivita' kienet saret xorta.

Illi min-naha l-ohra, Lorraine Vella Micallef, filwaqt li kkoncediet illi dakinhar kienet maltemp qawwi ma' Malta kollha, qalet li kumbinazzjoni fis-siggiewi m'ghamlitx xita. Ikkonfermat ukoll illi r-rikorrenti bdiet iccempel mid-9 ta' filghodu u anke tibghat messaggi fuq *what's app* fejn qalet illi ma setghetx tigi peress illi t-tfal kienu zghar. Offrewlha li tigi iktar tard meta tishon iktar il-gurnata peress li l-attivita' kienet ghaddejja bla waqfien il-gurnata kollha, pero' r-rikorrenti rrifjutat. Qalet ukoll illi ghalkemm huma kellhom attivita' iehor ippjanat ghal Karnival din ma gietx offruta lir-rikorrenti, ghaliex la ma reditx tigi dakninhar, ma dehrilhomx illi kellhom jaghmlu hekk. Ikkoncediet ukoll illi kien hemm nies ohra li kienu bbukjati ghal dakinhar li ma gewx ghax it-tfal taghhom kienu ma jifilhux u li gew offruti attivita' ohra matul is-sena.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, r-rikorrenti qieghda titlob li tinghata lura it-tmenin euro li hallset ghall-attivita' minhabba sitwazzjoni ta' maltemp li ghamlitha impossibbli ghaliha li tattendi mat-tfal taghha. Is-socjeta' intimata qieghda targumenta illi gialdarba l-attivita' saret u r-rikorrenti ma redita tigi, din m'ghandhiex tiehu lura l-flus li hallset.

Illi dwar il-fatti, hemm qbil bejn il-partijiet illi r-rikorrenti bbukkjat din l-attivita' ghal erbat it-tfal. Hemm qbil ukoll illi fil-gurnata in kwistjoni kien hemm maltemp madwar Malta - biss l-azjenda intimata qieghda targumenta illi alvaljola kienet xita madwar Malta, fil-post fejn kien ha jsir l-attivita' ma kenitx qed taghmel xita. Is-socjeta' intimata esebiet numru ta' dokumenti biex turi illi l-attivita' saret u kien hemm hafna nies li attendew ghaliha.

Jibda biex jinghad illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-attivita' ma gietx kancellata. Is-socjeta' intimata argumentat illi gialdarba l-attivita' saret u r-rikorrenti ghazlet li ma tigix minn jeddha, ma kenitx intitolata illi tipposponi jew titrasferixxi l-attivita' ghal darb'ohra, jew tiehu rifuzjoni. Pero' s-socjeta' intimata tghid ukoll illi dawk li ma gewx minhabba li t-tfal kienu morda, thallew jitrasferixxu l-attivita' ghall-attivita' ohra.

Illi fil-fehma tat-Tribunal din l-attegjament turi element ta' pika min-naha tal-azjenda intimata li ma jawgura xejn tajjeb.
It-Tribunal huwa sodisfatt illi r-rikorrenti kellha ragunijiet validi biex tipposponi l-attivita'. Anke jekk it-temp kien bnazzi fis-Siggiewi, jibqa' l-fatt Illi fl-inhawi l-ohra ta' Malta, kien hemm il-maltemp, u sabiex tasal ghas-Siggiewi ir-rikorrenti kellha bzonn tghaddi minn postijiet ohra u tivjagga fil-maltemp. Terga' u tghid, illi meta tkun maltemp u taghmel ix-xita, hadd ma jkun jaf jekk dan hux ha jizdied jew le, u ghalhekk hemm element ta' periklu u imprevedibbiltà - iktar u iktar meta qed tivjagga b'erbat itfal. Il-fatt illi kien hemm nies

ohra li gew u li kollox mar wicc il-gid, ma jinbidel xejn mill-fatt illi seta' kien hemm konsegwenzi koroh li kieku t-temp mar ghall-aghar. Kulhadd huwa bravu wara, specjalment fejn jidhol it-temp, pero' dan huwa riskju illi r-rikorrenti ma reditx tiehu, u t-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ghamlet sew.

Illi huwa car ukoll li li kieku r-rikorrenti qalet illi t-tfal kienu morda, x'aktarx kienet tithalla tipposponi l-attivita', kif jidher illi ghamlu nies ohra . Dan fisser illi l-azjenda intimata setghet, jekk riedet takkomoda lir-rikorrenti, izda b'sens ta' pika, 'ghaliex ir-rikorrenti ma reditx tigi', irrifjutat.

Illi t-Tribunal ihoss illi l-azjenda intimat wriet nuqqas serju ta' servizz lejn il-klijent, apparti l-fatt illi kien hemm ukoll arrikament ingust fil-konfront tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jidedeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-azjenda intimata thallasha s-somma ta' tmenin euro, (€80.00). Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata .

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru